# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 24**

**Ċitazzjoni numru 1654/01 AF**

**Alison Pace u b'digriet tal-1 ta' Diċembru, 2006, il-Qorti laqgħet it-talba sabiex kunjom 'Pace' jinbidel f'Agius**

**v.**

**Christopher Agius; Carmel Dimech u b'digriet tal-Qorti tal-31 ta' Mejju, 2002 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjeta` 'Italmal Machinery Ltd' u b'digriet tal-21 ta' Frar, 2008, il-Qorti laqgħet it-talba għall-intervent fil-kawża tal-Fond tal-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureaux**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu każ li fih saru tliet appelli u appell inċidentali minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Mejju, 2015.

2. Mill-atti jirriżulta li:-

**2.1.** Permezz ta' ċitazzjoni ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 2001 minn Alison Agius ippremettiet li fis-26 ta' Ottubru 1999 kienet involuta f'inċident tat-traffiku li seħħ f'Mosta Road, Lija. Qalet li kienet passiġġiera fil-vettura Austin numru tar-reġistrazzjoni JBA 437 misjuqa mill-konvenut Christopher Agius, liema vettura ħabtet ġo gaffa li kienet wieqfa, proprjeta` tal-konvenut l-ieħor Carmel Dimech. Issostni li fl-imsemmi inċident hija soffriet danni konsistenti f'debilita` permanenti u bħala konsegwenza tal-istess sofriet ukoll spejjeż, telf ta' qligħ u danni oħra. Filwaqt li tagħti t-tort lill-konvenuti jew min minnhom, tgħid li kemm huma kif ukoll is-soċjetajiet ta' assigurazzjoni rispettivi tagħhom, interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni, baqgħu inadempjenti. Talbet għalhekk lill-Qorti:

> *'1. tiddeċiedi u tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma jew huwa responsabbli għad-danni konsegwenzjali mid-debilità u korriment personali minnhom ikkaġunati lill-attriċi kif premess;*
>
> *"2. tillikwida d-danni kaġunati;*
>
> *"3. tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu d-danni hekk likwidati.*
>
> *"B'riżerva għal kull dritt u azzjoni.*
>
> *"Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ittri uffiċjali tad-29 ta' Settembru 2000 mibgħuta lill-konvenuti kif ukoll lis-soċjetajiet assigurati Gasan Mamo Insurance Agency Limited u Laferla Insurance Agency Limited u bl-imgħax mid-data tal-inċident.'*

**2.2.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet preżentata fit-23 ta' Novembru 2001[1] Christopher Agius wieġeb illi l-inċident mertu tal-kawża ġara unikament minħabba t-tort u traskuraġni tat-terzi possibilment il-konvenut l-ieħor Carmel Dimech jew impjegat tiegħu li kien responsabbli għall-fatt li l-gaffa, proprjeta` ta' Dimech, tħalliet mitluqa f'nofs ta' triq mingħajr ma ngħata avvertiment lil sewwieqa oħra;

**2.3.** Permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet preżentata fil-31 ta' Jannar 2002,[2] Carmel Dimech wieġeb illi: (i) mhux leġittimu kontradittur u għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju stante li x-xogħlijiet fl-imsemmija triq ma kinux qed isiru minnu personalment iżda mis-soċjetà Italmal Machinery Limited bl-inġenji tagħha stess; (ii) mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-inċident ġara unikament tort tal-konvenut l-ieħor Christopher Agius; u (iii) għalhekk huwa mhux responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-attriċi;

**2.4.** Waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2002,[3] il-Qorti laqgħet it-talba għall-kjamat fil-kawża tas-soċjeta` Italmal Machinery Ltd;

[1] Fol. 16.
[2] Fol. 21.
[3] Fol. 28, 29.

**2.5.** Permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet preżentata fl-14 ta' Jannar 2003,[4] is-soċjeta` kjamata fil-kawża Italmal Machinery Ltd wieġbet illi: (i) it-talbiet tal-attriċi huma preskritti a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; (ii) mingħajr preġudizzju, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-inċident ġara unikament tort tal-konvenut Christopher Agius; u li (iii) hija mhijiex responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-attriċi;

**2.6.** Permezz ta' digriet mogħti fl-1 ta' Diċembru 2006, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex tordna korrezzjoni fl-atti billi kull fejn jirriżulta l-kunjom tagħha 'Pace' jinbidel f''Agius' għaliex kienet iżżewwġet u ħadet kunjom żewġha;[5]

**2.7.** Fil-21 ta' Frar, 2008 il-Qorti laqgħet it-talba[6] li saritilha fit-8 ta' Frar, 2008 mill-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u tal-Motor Insurers' Bureau[7] sabiex, mingħajr ebda ammissjoni ta' responsabbilita` in konnessjoni mal-inċident in kwistjoni, jiġi awtorizzat jintervjeni f'din il-kawża *in statu et terminis* abbażi tal-fatt li l-attriċi tatu avviż tal-proċeduri odjerni inkwantu jirrigwarda r-responsabbilta` li jista' jkollu l-proprjetarju tal-gaffa Carmel Dimech;

---

[4] Fol. 34.
[5] Fol. 115, 119.
[6] Fol. 134.
[7] Fol. 130.

**2.8.** Permezz ta' sentenza mogħtija fil-5 ta' Mejju 2015, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

> *'filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tas-socjetà kjamata fil-kawza, tilqa' t-talbiet ta' Alison Pace mizzewga Agius fis-sens li tiddikjara li l-konvenuti kollha huma responsabbli ghad-danni kawzati lil Alison Agius fl-incident tas-26 ta' Ottubru 1999 in kwantu ghal kwart Christopher Agius u tlett kwarti Carmel Dimech u ItalMal Machinery Limited; tillikwida d-danni fl-ammont ta' €22,533.43 (tnejn u ghoxrin elf hames mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu) ekwivalenti ghal Lm9671; tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil Alison Agius is-somma ta' €22,533.43 (tnejn u ghoxrin elf hames mija u tlieta u tletin Ewro u tlieta u erbghin centezmu) li kwart minnhom ghandu jithallas minn Christopher Agius u tlett kwarti in solidum minn Carmel Dimech u Italmal Machinery Limited.*
>
> *"L-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ukoll ghandhom jithallsu mill-konvenuti u l-kjamata fil-kawza fl-istess kwoti.'*

3. Mis-sentenza tal-ewwel Qorti ġew preżentati tliet appelli:-

**3.1.** appell mill-konvenut Carmel Dimech u tal-kjamata fil-kawża Italmal Machinery Ltd li ħassewhom aggravati minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġew misjuba responsabbli għall-akkadut u kkundannati jħallsu ¾ tad-danni subiti mill-appellata Alison Agius. Jilmentaw minn applikazzjoni skorretta tal-liġi u nuqqas ta' apprezzament tal-provi. Is-soċjeta` Italmal Machinery Limited waħedha tilmenta wkoll minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**3.2.** appell mill-konvenut Chirstopher Agius minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż li l-imgħaxijiet fuq id-danni għandhom jitħallsu mid-data tal-inċident. Jilmenta li l-imgħax għandu jiddekorri iżda mid-data meta jkun hemm *res judicata* in linea mal-prinċipju *in illiquidis non fit mora*. Għal dak li jirrigwarda responsabbilta` għall-inċident u danni, iddikjara li l-Qorti għandha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

**3.3.** appell ieħor mill-intervenut fil-kawża l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau aggravat bis-segwenti:

**(i)** l-inċident mertu tal-kawża kien responsabbli għalih unikament Christopher Agius u l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta attribwitlu biss ¼ mill-ħtija u ¾ lill-konvenuti l-oħra Carmel Dimech u Italmal Machinery Limited;

**(ii)** mingħajr preġudizzju, jekk l-ewwel aggravju ma jiġix milqugħ, il-mod kif attribwiet il-ħtija l-ewwel Qorti huwa f'kull każ żbaljat inkwantu l-konvenut Christopher Agius għandu jassumi ħafna aktar minn kwart tal-ħtija;

**(iii)** l-ewwel Qorti addottat *multiplier* ferm għola minn dak li kellu jiġi applikat; u

**(iv)** l-ewwel Qorti kienet ukoll legalment żbaljata meta akkordat l-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-inċident billi f'kawżi ta' din ix-xorta, fejn danni jridu jiġu likwidati, l-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

4. Filwaqt li l-attriċi appellata wieġbet għal dawn l-appelli, ippreżentat appell inċidentali sabiex '*iżżomm miftuħa l-proċedura attiva minnha istitwita kontra l-konvenuti kollha. L-appell inċidentali qiegħed isir kontra l-erba' konvenuti, minħabba l-possibilità li potenzjalment jista' jkun hemm res judicata fil-konfront ta' xi uħud jekk is-sentenza tkun varjata jew konfermata in parte'*. Issostni li '*l-konvenuti kollha u l-intervenjent għandhom jiġu kkundannati in solidum għar-responsabilità jew min minnhom, u tafda ruħha fis-sapienti ġudizzju ta' din il-Qorti kwantu għar-responsabilità u likwidazzjoni ta' danni.'*

5. Il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau wieġbu li l-appell inċidentali tal-attriċi għandu jiġi miċħud kemm għaliex Chirstopher Agius huwa unikament responsabbli għall-inċident, kif ukoll inkwantu l-Fond, bħala intervenut fil-kawża, ma jista' qatt jiġi kkundannat billi mhux meqjus parti fil-kawża u t-talbiet attriċi mhux diretti kontrih.

**Fatti.**

6. Il-kawża titratta dwar inċident tat-traffiku li seħħ fis-26 ta' Ottubru 1999 f'Mosta Road, Lija. L-attriċi kienet passiġġiera fil-vettura Austin JBA 437 li kienet qiegħda tinstaq mill-għarus tagħha, il-konvenut Christopher Agius, fid-direzzjoni ta' Birkirkara. Dakinhar kien hemm iċ-ċpar u l-art kienet imxarrba. L-inċident seħħ filgħaxija. Fit-triq kien hemm *barrier* tal-ħadid u warajha gaffa li kienet ipparkjata. Irriżulta li l-gaffa waqt li kienet qiegħda tintuża iktar qabel dakinhar, żviluppat ħsarat fl-ignition u dan wassal lill-konvenut Carmel Dimech sabiex iħalliha hemm għal-lejl. Il-vettura li kien qiegħed isuq Agius ħabtet fil-barrier u wara fil-banju tal-gaffa. Il-vettura sofriet ħsarat varji fuq quddiem u inkiser il-windscreen. L-attriċi weġġħet u sofriet debilita` permanenti. Fil-ġurnata tal-inċident l-attriċi kien għad għandha dsatax-il sena.

**Konsiderazzjoni.**

**L-Eċċezzjoni li l-azzjoni hi preskritta kontra l-kumpanija Italmal Machinery Ltd.**

7. L-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-

> *'l-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn'.*

8. Dwar din l-eċċezzjoni, l-ewwel Qorti qalet:

> *'Is-socjetà Italmal Machinery tecepixxi li l-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2153 tal-Kodici Civili. Jirrizulta f'dan il-kuntest illi l-proceduri odjerni gew intavolati fis-16 ta' Ottubru 2001. L-incident mertu ta' dawn il-proceduri kien sehh fis-26 ta' Ottubru 1999. Ghalkemm is-socjetà ressqet nota tal-eccezzjonijiet taghha fl-14 ta' Jannar 2003, ma jirrizulta minn ebda dokument fl-atti ebda data jew riferta jew xi prova xort'ohra li turi meta effettivament giet notifikata s-socjetà. Fin-nuqqas ta' din il-prova, l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.'*

9. Il-kjamata in kawża targumenta iżda li skont l-Artikolu 2137 is-sentejn li għalihom jirreferi l-Artikolu 2153 jibdew jiddekorru *'minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'* Tikkontendi għalhekk li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata mill-mument tal-akkadut, ossija, mis-26 ta' Ottubru 1999.

10. L-attriċi talbet il-kjamat in kawża ta' Italmal Machinery Ltd fil-31 ta' Mejju 2002 għaliex issostni li kien biss wara l-preżentata tal-eċċezzjonijiet tal-appellant Carmel Dimech (31 ta' Jannar 2002) li saret taf li x-xogħlijiet kienu qegħdin isiru minn dik il-kumpanija, kif ikkonfermat wara mill-Kunsill Lokali.

11. Il-kjamata in kawża ssostni li kif jirriżulta mill-premessi taċ-ċitazzjoni stess, l-attriċi kienet diġa` interpellata mill-kumpanija ta'

assikurazzjoni (GasanMamo) li tkopri l-gaffa, u dan permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Settembru 2000. F'dan is-sens tirreferi għall-paġna 100 tal-proċess. Tgħid inoltre li ma kien hemm l-ebda raġuni li żammitha milli tagħmel il-verifiki meħtieġa mal-Kunsill Lokali. Tikkonkludi għalhekk li mid-data tal-inċident sas-seduta tal-31 ta' Mejju 2002 meta talbet il-kjamata in kawża tagħha, kienu diġa` għaddew is-sentejn permessi mil-liġi.

12. L-attriċi wieġbet illi Italmal Machinery Limited ġiet kjamata fil-kawża immedjatament malli ġiet a konjizzjoni tagħha n-nota ta' eċċezzjonijiet preżentata minn Carmel Dimech. Inoltre, il-kjamata fil-kawża saret fi proċeduri li kienu diġa bdew qabel għaddew sentejn mid-data tal-inċident.

13. Fil-*Police Report* a fol. 77 *et seq.*, il-konvenut Dimech tniżżel bħala sid il-gaffa. PS 201 Sandro Magro xehed li wara l-inċident kienu bagħtu għal Dimech u kellmuh l-Għassa, u ma qallux li l-gaffa kienet proprjeta` ta' kumpanija.[8] Fir-rapport tal-Pulizija tniżżel li sid il-gaffa stqarr is-segwenti:

> *'Parked his shovel on the side of the road in Mosta Rd. Lija as some damages occured in its starter and it couldn't be moved. A crash barrier together with a flashing light were left infront of the shovel.'*[9]

[8] Fol. 72 *et seq*.
[9] Fol. 79.

14. Tagħrif li jagħti wieħed x'jifhem li Dimech kien sid il-gaffa. Saħansitra fis-sit fejn seħħ l-inċident kienu qegħdin jaħdmu miegħu uliedu. Meta xehed qal, '*jiena ħadt il-kuntratt*' u '*l-Bob Cat tiegħi*'.

15. Jidher li l-attriċi appellata straħet fuq ir-rapport tal-Pulizija u sejħet lil Carmel Dimech flimkien max-xufier li kienet riekba fiha.

16. Jibqa' l-fatt li l-kumpanija ġiet imsejħa fil-kawża wara li kien diġa` għadda t-terminu ta' preskrizzjoni. L-inċident seħħ fis-26 ta' Ottubru 1999, u l-kumpanija Italmal Machinery Limited saret fil-kawża permezz ta' digriet mogħti fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2002.[10] Irrispettivament kinitx taf min hu s-sid tal-gaffa, il-preskrizzjoni xorta bdiet tgħaddi. Kieku riedet l-attriċi kellha altru milli biżżejjed żmien sabiex qabel tippreżenta l-kawża, tagħmel il-verifiki li kien hemm bżonn sabiex taċċerta ruħha li t-tagħrif kien korrett dwar il-persuni li kienu l-leġittimi kontradittturi.

17. Għaldaqstant, tilqa' l-ewwel aggravju.

**<u>Ir-Responsabbilita` għall-inċident tat-traffiku u t-tqassim ta' ħtija</u>.**

18. Dwar id-dinamika tal-inċident u l-attribuzzjoni tat-tort għall-istess l-ewwel Qorti qalet:

[10] Fol. 28.

*'Fil-kaz in ezami jirrizulta li s-sitwazzjoni atmosferika fil-mument tal-incident kienet wahda ta' cpar. Il-kap tal-ufficcju meterologiku jikkonferma dan u jzid li l-vizibilità f'dawk il-hinijiet kienet ta' mitt metru. (ara xhieda a fol. 84). PS 1131 Justin Camilleri li kien wiehed mill-ufficcjali tal-Pulizija li marru fuq il-post ukoll jghid li "bqajt impressjonat bl-icpar qawwija li kien hemm". Isemmi inoltre vizwali ta' 40 jew 50 metru (ara xhieda a fol. 75). L-istess pulizija jikkonfermaw illi, ghalkemm fuq il-post huma kkostataw li kien hemm crash barrier imwaqqa', ma sab ebda dwal "warning lights" fuq il-post (ara wkoll xhieda ta' PS 201 Sandro Magro a fol. 71). Il-pulizija kkonfermaw ukoll brakemarks friski ta' bejn 8 u 10 metri.*

*"F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqis li s-sewwieq ghandu jigi mehlus ghal kollox minn kull htija ghall-akkadut. Din il-Qorti tqis li c-cirkostanzi skabruzi li kien qieghed isuq fihom, b'vizibilità daqshekk ristretta minhabba c-cpar, messhom wassluh biex isuq b'velocità ridottissima. Ma jidhirx li ghamel hekk. Kieku ma kienx jahbat mal-barrier u jibqa' diehel gol-gaffa b'daqshekk qawwa. Anki kieku l-gaffa kellha quddiemha barrier imwaqqa' digà, sewwieq b'velocità baxxa, kif rikjest mill-atmosfera, kien jieqaf xi ftit mal-barrier anki jekk mhux ghal kollox. Mhux talli l-vettura ma waqfitx mal-barrier talli baqghet diehla fil-gaffa b'qawwa li rrizultat fi hsarat enormi fl-istess karozza. Christopher Agius jixhed "Il-hsara fil-karozza tieghu kienet gravi tant li fil-fatt il-karozza kelli niskreppja (sic)." (fol. 62).*

*"Il-Qorti tghaddi ghalhekk biex tqis x'sehem kellhom fl-akkadut iz-zewg konvenuti l-ohra...*

*"Jirrizulta li Carmel Dimech kien inkarigat mix-xoghlijiet in kwistjoni. Jirrizulta li huwa direttur tas-socjetà li nghatat il-kuntratt mill-Kunsill Lokali tal-Iklin. Huwa wkoll impjegat mal-istess socjetà u dak in-nhar kien huwa stess li kien qieghed ihaddem il-gaffa. Huwa jghid illi l-gaffa kienet zviluppat xi hsara u ghalhekk thalliet ipparkjata fid-dahla tal-bus shelter. Jghid ukoll illi halla fl-inhawi diversi barriers u anki dwal (fol. 112). Din il-Qorti ma tqisx il-verzjoni ta' Carmel Dimech verosimili. Hija kontradetta kemm mill-iskizz redatt mill-investigaturi li juri l-gaffa fil-karreggjata, kif ukoll mix-xhieda li taw quddiem il-Qorti l-istess pulizija fejn dawn ikkonfermaw in-nuqqas kemm ta' barriers ohra ghajr dak l-imwaqqa', kif ukoll ta' dwal senjaletici. Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti tqis li r-responsabbilità ghall-incident taqa' fuq kemm is-socjetà Italmal li kienet responsabbli mix-xogholijiet bhala l-kuntrattur tal-Kunsill Lokali, kif ukoll fuq Carmel Dimech personalment li halla l-gaffa pparkjata minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jevita incidenti fi triq importanti bhalma fil-fatt hija Mosta Road, Lija. Minn dan kollu il-Qorti tasal ghall-fehma li l-gaffa kif imhollija kienet il-kawza prossima tal-incident, u ta' dan jahtu kemm Carmelo Dimech kif ukoll is-socjetà li timpjegah.*

> *"In konkluzjoni ghalhekk il-Qorti tqis li t-tort ghall-akkadut ghandu jigi sopportat in kwantu ghal kwart minn Christopher Agius u tlett kwarti mill-konvenuti l-ohra.'*

19. Fir-rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti Dimech et jilmentaw li l-ewwel Qorti żbaljat fl-apprezzament tal-provi. Isostnu li x'aktarx dak li ġara kien li x-xufier għafas il-brake ma' l-impatt mal-barrier li kienet kważi 11-il metru quddiem il-gaffa, iżda tant kien għaddej b'veloċita` li wara li tkaxkar għal 10.8 metri waqaf mal-gaffa u bl-impatt sposta minn kif kienet parkeġġata u daret u ħarġet 1.8 metri l-barra minn quddiem. Jikkontendu li s-sewwieq Chirstopher Agius ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout* għaliex fil-kondizzjonijiet tat-temp, li kienu jirrikjedu sewqan b'aktar kawtela u prudenza minn dik ordinarjament rikjesta, irriżulta kien għaddej b'veloċita` eċċessiva u għalhekk meta ħabat fil-*barrier* ma kellux ċans jieqaf u spiċċa fil-gaffa. Għalhekk it-tort tal-akkadut huwa imputabbli esklussivament lil Christopher Agius.

20. Permezz tal-appell tiegħu, il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau wkoll ilmenta dwar il-ħtija għall-inċident. Isostni li l-inċident mertu tal-kawża seħħ <u>unikament</u> tort ta' Christopher Agius. Il-Fond jirreferi wkoll għall-fatt li Christopher Agius ħalla *brake marks* ta' għaxar metri li jindikaw: (i) li kien qiegħed isuq b'mod eċċessiv fiċ-ċirkostanzi; u (ii) li l-gaffa kienet viżibbli għalih mill-mument li għafas il-*brake* 10 metri qabel l-impatt b'dan illi l-inċident seta' jiġi evitat kieku kien qed isuq b'anqas veloċita` u kieku kellu *proper lookout*. Kienet għalhekk

in-negliġenza tal-konvenut Agius il-kawża prossima tal-inċident. Il-Fond konsegwentement isostni li l-Qorti naqset milli ssegwi l-prinċipji enunċjati minn din il-Qorti fil-kawża ***James Attard v. Alfred Desira*** deċiża fil-21 ta' Mejju 1986.

21. B'riferenza għall-imsemmija sentenza l-qorti tosserva li kull każ għandu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Ma jfissirx li dak li ntqal fl-imsemmija sentenza għandu japplika għal dan il-każ.

22. Din il-Qorti rat illi skont ir-rapport tal-inċident tal-Pulizija, ir-*road and weather conditions* meta seħħ l-inċident in kwisjtoni fis-26 ta' Ottubru 1999 fl-22:15, kienu s-segwenti:-

| | |
|---|---|
| *'Character of the Road:* | *Straight* |
| *Type of Road:* | *Dual Carriageway* |
| *Condition of Surface:* | *Slippery* |
| *Weather Conditions:* | *Foggy* |
| *Time of Day:* | *Night'* |

23. Fl-ewwel lok, huwa ta' riljev l-fatt li t-triq fejn seħħ l-inċident hija dritta u l-punt fejn ġara l-inċident ma kienx eżatt wara xi liwja. Għalhekk, kieku s-sewwieq Christopher Agius kien verament qiegħed isuq b'veloċita` raġjonevoli li tippermettilu jżomm *proper lookout*, għajr ċirkostanzi eċċezzjonali, ma kellux għalfejn ma jarax il-gaffa in kwistjoni.

24. Dwar il-kondizzjonijiet atmosferiċi, il-konvenut Agius jikkontendi li kien hemm ċpar qawwi. Jgħid li kellu visibilita` għal distanza bejn il-

pedana tax-xhud u l-Imħallef bilqegħda fl-awla.[11] Minkejja dan kompla jsuq għaliex ried jasal id-dar peress li l-għada kien xogħol. Saviour Porter, ir-rappreżentant tal-uffiċċju meteroloġiku, ukoll ikkonferma li kien ċpar pero` l-istatistiċi minnu ppreżentati jirreferu għal *readings* li ttieħdu f'Ħal Luqa.[12] PS1131 Justin Camilleri,[13] li mar fuq is-sit immedjatament malli sar jaf bl-inċident, jgħid li kien iċ-ċpar iżda kkalkola li d-distanza viżwali kienet ta' bejn 40 u ħamsin metru.

25. Il-Qorti tinnota li fir-ritratt immarkat '**AB15**' a fol. 48, li ġie meħud minn ġurnalist meta l-ambulanza kienet għada fuq is-sit u għalhekk ma kienx ħafna wara li seħħ l-inċident, jidher sew il-Pulizija quddiem il-vettura tas-sewwieq, id-driver u persuna oħra fl-ambulanza wara l-vettura tas-sewwieq u sitt min-nies oħra ħdejn il-gaffa aktar l-isfel fit-triq. Fil-bogħod jidhru nies oħra, għalkemm mhux daqstant ċari u jidher ukoll fanal mixgħul mal-faċċata ftit aktar 'il fuq. Ir-ritratt immarkat '**AB14**', meħud meta l-attriċi kienet qed tingħata assistenza medika fil-vettura tal-konvenut Agius huwa wkoll ċar. Il-verżjoni tal-PS1131 Justin Camilleri tirriżulta għalhekk l-aktar waħda verosimili, ossija, li l-kondizzjoni attmosferika kienet tippermetti distanza <u>viżwali ta' bejn 40 u 50 metru</u>.

[11] Fol. 63.
[12] Fol. 84 *et seq*.
[13] Fol. 74.

26. Rigward il-veloċita` li kien għaddej biha, il-konvenut Agius jgħid fiċ-ċpar niżel għall-veloċita` ta' 20 kilometru fis-siegħa[14] u jiċħad li qabel l-impatt huwa għafas il-*brake.* Din il-Qorti hija iżda tal-fehma li, irrispettivament jekk il-*brakemark* li kien hemm kienx tal-vettura tal-konvenut Agius jew le, il-verżjoni ta' dan tal-aħħar tikkozza mal-ammont ta' ħsara li ġarrbet il-vettura minnu misjuqa. Dan aktar u aktar meta jitqies illi l-konvenut Agius ħabat ma' gaffa li kienet wieqfa u qabilha ħabat ukoll ma' barrier li spiċċat ma' l-art.

27. Min-naħa l-oħra l-konvenut Carmel Dimech xehed[15] li huwa kellu l-permessi mir-*Roads Department* u mill-Pulizija biex jagħmel xogħlijiet fit-triq in kwistjoni u l-parti relattiva kienet magħluqa bil-*barriers* bil-fanali ġo fihom skont skizz minnu ppreżentat a fol. 114. Jgħid li hu u wliedu kienu jdumu jaħdmu fuq is-sit sat-tmienja ta' filgħaxija imma dakinhar tal-inċident il-gaffa kellha l-ħsara u ħalliha pparkjata f'post fid-daħla. Jikkontendi li din ħarġet il-barra bid-daqqa tal-impatt. In kontro-eżami xehed ukoll li l-gaffa kellha ħsara fl-istarter pero` sa filgħodu kien irranġaha. Jgħid li l-gaffa kienet qiegħda tintuża filata aktar baxx mil-livell tal-bankina u għalhekk biex il-karozza spiċċat fil-banju tagħha kellha l-ewwelnett tinżel filata. Żied ukoll li quddiem il-gaffa kien hemm barrier bid-dawl jixgħel iżda l-lampa nkisret bl-impatt.

[14] Fol. 63.
[15] Fol. 112.

28. PS 201 Sandro Magro kkonferma li żgur ma kienx hemm *warning lights* fuq il-post u l-gaffa ma kellhiex liċenzja biex taħdem fit-triq tant li kienu ħarġu akkużi kontra l-konvenut Dimech għal dan.[16] PS1131 ikkonferma wkoll li ma sabu l-ebda *flashing light* fuq is-sit iżda biss *crash barrier* imwaqqa'.

29. Il-verżjoni ta' Dimech ma tistax titwemmen. Il-Qorti tosserva li:-

i. Jekk il-gaffa ġratilha l-ħsara, probabbilment tħalliet fejn waqfet.

ii. Ma jitwemminx li l-gaffa li tidher fir-ritratt AB15 meta paragunat mad-daqs tal-vettura ta' Agius, mal-impatt inqalgħet minn postha. Dimech xehed li l-gaffa kienet ipparkjata fil-*bus bay*. Għar-raġuni li ngħatat, dik il-verżjoni ma tistax titwemmen. L-iskizz tal-pulizija[17] jgiddeb il-verżjoni ta' Dimech (ara fdalijiet tal-ħġieġ fit-triq mal-impatt). Mhuwiex importanti jekk il-gaffa kinitx dritta jew skuntrata qabel seħħ l-inċident. Pero` l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-gaffa kienet ipparkjata fit-triq. Dik kienet ir-raġuni għalfejn kien hemm *barrier* tal-ħadid fit-triq, ftit iktar 'il quddiem mill-gaffa.

iii. Dimech xehed li fit-triq kien għamel il-*barriers*. Dawn immarkahom bil-kulur roża fl-iskizz li għamel a fol. 114. Pero` mill-

[16] Fol. 71 *et seq*.
[17] Fol. 11.

iskizz tal-pulizija jirriżulta li kien hemm *barrier* tal-ħadid wieħed biss. L-istess mid-depozizzjoni tal-pulizija li investigaw l-inċident.

iv. Mhemmx dubju li l-vettura ta' Agius ħabtet l-ewwel mal-barrier tal-ħadid (ara ritratt Dok. AB15). Pero` evidenti li l-ħsara estensiva li sofriet il-vettura ta' Agius kien riżultat li baqgħet dieħla fil-parti ta' quddiem tal-gaffa. Il-parti li Dimech jirreferi għaliha bħala l-banju.

v. L-iskizz tal-pulizija juri biċ-ċar li l-gaffa tħalliet fit-triq u mhux fil-*bus bay*. Dan apparti li jekk hu veru li l-gaffa kienet ipparkjata fil-*bus bay*, Dimech ma spjegax għalfejn poġġa l-barriers fit-triq (murija bir-roża fl-iskizz li għamel a fol. 114). Fir-realta` jekk kien hekk kien ifisser li poġġa ostakoli fit-triq li ma kienx hemm bżonn għaliex skont il-verżjoni li ta u l-iskizz li ppreżenta, il-gaffa kienet ipparkjata fil-*bus bay*.

vi. Dimech xehed li kien hemm fanal imwaħħal mal-barrier li spiċċa taħt il-gaffa. Il-Qorti ma tarax kif dan kien possibbli meta tikkonsidra li l-banju tal-gaffa kien qiegħed imiss ma' l-art (ara ritratt Dok. AB15). Inoltre, PS 201 Sandro Magro xehed, *"…. Dwal żgur kienx hemm għax dan għamilna nota fir-rapport li aħna ma sibniex dwal bħala warning lights fuq il-post"*.[18] L-istess xehed PS1131

[18] Fol. 72.

Justin Camilleri, *"….. aħna kull ma sibna fuq il-post kien crash barrier imwaqqa'…….".*[19]

30. Irriżulta wkoll li fil-ħin li seħħ l-inċident, kien iċ-ċpar. PS1131 Justin Camilleri xehed:-[20]

> *"Kif għidt iċ-ċpar kien qawwi pero' jekk wieħed isuq normali aħna stajna meta wasalna fuq il-post naraw il-gaffa u9 nieħdu l-prekawzjonijiet naħseb li d-distanza ta' viżwali kienet 40 u 50 metru jiġifieri, jekk wieħed isuq b'mod normali jkollu pre-avviż ta' gaff għal distanza ta' bejn 40 u 50 metru".*

31. Inoltre l-art kienet imxarrba (fir-rapport tal-pulizija d-deskrizzjoni li ngħatat hi, *slippery*).[21] L-attriċi xehdet:[22]

> *"L-għarus tiegħi kellu d-dawl mixgħul fil-vettura tiegħu pero' peress illi ma kienx hemm dawl fit-triq u kien iċ-ċpar ma stajna naraw kważi xejn.....*
>
> *"L-iċpar iktar ma kien igħaddi ż-żmien iktar beda jiżdied u kif wasalna ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal-Lija tista' tgħid ma bdejn naraw xejn. Tant kien hemm ċpar li lill-għarus għidtlu biex għada joqħgod attent u jsuq bil-mod għax probabbli kien isib ukoll ħafna ċpar".*

32. Mill-istess depozizzjoni hu evidenti li l-ewwel mument li l-attriċi indunat li ġara xi ħaġa kien mal-impatt. L-istess Christopher Agius li xehed, *"Wara li qbiżna ċ-ċimiterju, qisna ħassejt li ħbatna ma' xi ħaġa pero` ma rajt xejn".* Kompla jixhed li kien jikkalkola li qabel l-inċident kien qiegħed isuq bi speed ta' bejn 25 jew 30 kilometru fis-siegħa. Verżjoni li

[19] Fol. 74.
[20] Fol. 75.
[21] Fol. 79.
[22] Fol. 40.

ma titwemminx. Jekk hu hekk ma kienx jinduna bl-inċident biss mad-daqqa. Kompla jgħid:[23]

> *"Kieku ma kienx hemm ċpar u l-viżwali kienet tajba, jiena ovvjament kont naraha l-gaffa pero' biex niskapulha inkun irrid noħroġ 'il barra w forsi nirfes ukoll line tan-nofs......*
>
> *"Meta konna wasalna ħdejn iċ-ċimiterju ta' Ħal-Lija minħabba ċ-ċpar qawwi ma konniex qed naraw fit-tul, qisni d-distanza li tagħha kelli l-viżwali kienu bejn minn fejn qiegħed jiena nixhed fuq il-pedana fl-Awla 16 sa fejn qiegħed l-Imħallef li qiegħed imexxi din is-seduta".*

33. Saħansitra qal li l-viżwali kienet ridotta għal bejn żewġ metri u nofs u tliet metri. Minn dawn il-kliem il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li Agius kien qiegħed isuq b'veloċita` li ma kinitx flokha għall-kondizzjoni tat-triq u ċpar qawwi li kien hemm. Dan wassal sabiex ix-xufier ma rax l-ostakolu li kien hemm quddiemu. Evidentement għandu tort ukoll għall-inċident għaliex probabbilment kien qiegħed isuq b'veloċita` li ma ppermettitlux jara dak li kien hemm quddiemu u għalhekk poġġa lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma setax jieħu *evasive action*. Il-ħsarat li kien hemm fil-parti ta' quddiemu kienu varji u fihom infushom huma prova li l-impatt kien vjolenti. Saħansitra inkiser ukoll il-*windscreen* u Agius xehed li l-vettura kellha tkun scrapped.

34. Għalkemm l-appellanti Carmel Dimech, Italmal Machinery Ltd u l-Fond argumentaw li Christopher Agius kellu iktar ħtija, din il-Qorti ma taqbilx. Dimech ħalla gaffa ipparkjata fit-triq b'sempliċi *barrier* tal-ħadid

---

[23] Fol. 62.

quddiemha. Il-provi independenti jindikaw li ma kienx hemm dawl imwaħħal mal-barrier li seta' jagħti pre-avviż lix-xufiera dwar il-preżenza ta' oġġett. Għal Agius ma kienx prevedibbli li f'triq prinċipal bħal dik ser ikun hemm gaffa mitluqa fit-triq mingħajr ebda senjaletika. Wieħed jippreżumi li fit-triq mhemmx ostakoli, u jekk hemm ikun hemm *warning signals* ċari u adegwati li jkunu metri 'l bogħod mill-ostakolu. Il-preżenza tal-gaffa fit-triq ma jistax jiġi kkonsidrat li kien raġonevoli. Dan ma kienx każ fejn il-gaffa waqfet u kellha tibqa' fit-triq temporanjament minħabba ħsarat sakemm Dimech irranġa l-ħsara. Il-konvenut Dimech qabad u ddeċieda li għandu jħalliha fit-triq matul il-lejl mingħajr ebda prekawzjonijiet. B'dak li għamel poġġa lill-utenti ta' dik it-triq, f'periklu ċar u manifest. Apparti n-negligenza ta' Dimech li telaq il-gaffa fit-triq, lanqas ma kellu d-diċenza li jieħu l-miżuri ta' prekawzjoni sabiex inaqqas il-periklu lit-traffiku ġej mid-direzzjoni tal-Mosta. Dak li għamel Dimech żgur li mhuwiex l-aġir responsabbli li persuna raġonevoli kienet tagħmel fiċ-ċirkostanzi li sab ruħu fihom. Il-gaffa kienet qiegħda tokkupa parti sostanzjali tat-triq. Kellu jkun ovvju għal Dimech li jħalli l-gaffa fit-triq matul il-lejl mingħajr ebda *warning signals* adegwati, kien periklu għax-xufiera. Il-fatt li mhemmx provi li seħħew inċidenti oħra, mhijiex prova li ma kienx hemm periklu.

35. Dimech kellu d-dmir li qabel telaq minn fuq il-post ineħħi l-gaffa mit-triq. Dimech ma ta l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika għalfejn ħalla l-

gaffa fit-triq. Il-fatt li l-gaffa żviluppat ħsara ma kienx jiġġustifika li jħalliha hemm għal-lejl. Kellu anzi d-dmir li qabel jitlaq ineħħiha mit-triq, fejn ovvjament kienet qiegħda tostakola t-traffiku. Min-naħa l-oħra Dimech għamel ħiltu sabiex ipinġi sitwazzjoni li mhijiex il-verita` billi qal li l-gaffa kienet ipparkjata fil-*bus bay*. Il-provi juru li l-gaffa tħalliet mitluqa fit-triq. Gaffa li jirriżulta li lanqas ma kellha liċenzja sabiex tkun fit-triq. Hu veru li pulizija li investiga l-każ qal li jikkalkola li l-viżwali kienet bejn 40 u 50 metru, pero` mhux magħruf x'kienet il-viżwali fil-ħin meta seħħ l-inċident. Il-pulizija xehed dak li ra meta wasal fil-post tal-inċident.

36. Ovvjament l-*ispeed* tal-vettura li kien qiegħed isuq Agius, iwassal ukoll għar-responsabbilta`. Il-Qorti taqbel mal-mod kif l-ewwel Qorti qasmet ir-responsabbilta` għall-inċident in kwistjoni.

37. Għal dik li hi responsabbilta` għall-inċident, l-attriċi tippretendi li hemm solidarjeta`. L-ewwel Qorti ddeċidiet li kwart mid-danni li llikwidat għandhom jitħallsu mill-konvenut Agius filwaqt li tlett kwarti mid-danni għandhom jitħallsu solidalment mill-konvenut Dimech u l-imsejħa fil-kawża Italmal Machinery Limited. F'din is-sentenza l-qorti diġa` ddeċidiet li l-azzjoni kontra Italmal Machinery Limited hi preskritta. Bejn iż-żewġ konvenuti l-oħra mhemmx solidarjeta` għaliex ġiet stabbilita l-parti tal-ħsara li kull wieħed minnhom għandu jagħmel tajjeb għalihom, apparti li l-provi ma jirriżultax li l-imsemmija konvenuti aġixxew dolożament. Fiċ-

ċirkostanzi mhemmx solidarjeta` bejn Agius u Dimech, u d-deċiżjoni tal-Qorti tal-ewwel grad hi tajba.

**<u>Il-perċentwali ta' diżabilita` permanenti</u>.**

38. Carmel Dimech et ilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti qalet li debilita` permanenti li sofriet l-attriċi hi ta' 5%. Dan meta ġew preżentati tliet rapporti mediċi, wieħed fis-sena 2000 viċin l-inċident li ta rata ta' 8%, ieħor fl-2006 li li ta rata ta' 4%, u ieħor fl-2002 li fih jingħad li r-rata ta' debilita` hi 3%. Jikkontendu għalhekk li l-Qorti kellha tuża *multiplier* bir-rata ta' 3.5%, ossija l-medja taż-żewġ rapporti aħħarija peress li l-ewwel rapport kien viċin wisq l-inċident u għalhekk il-ġrieħi tal-appellat kienu għadhom ma fiequx sew f'dik id-data.

39. Il-kalkolu tal-*lucrum cessans* mill-ewwel Qorti sar kif ġej:

> *'Ghal fini tal-kalkolu ta' "lucrum cessans", jirrizulta li l-attrici sofriet griehi f'wiccha. L-esperti jaslu ghal percentwali ta' dizabilità fir-rigward li jvarjaw bejn 3% u 8%. Il-Qorti qieghda taddotta ghalhekk figura medja ta' 5%. Il-multiplier addottat huwa ta' 40 peress illi l-attrici kellha biss ghoxrin sena fid-data tal-incident u hija ghalhekk tenuta li tibqa' attiva ekonomikament sal-età ta' 65. Il-qliegh taghha dak iz-zmien kien ta' Lm4304 li mieghu il-Qorti qeghda zzid 12% biex jigi kopert l-gholi tal-hajja.*
>
> *"Ghalhekk: Damnum emergens Lm 31*
> *Lucrum cessans(Lm4820.48 x 5% x 40) Lm9640*
> *Total ta' Lm9671*
> *Ekwivalenti ghal € 22533.43*
>
> *"Il-Qorti m'hija ser taghmel ebda tnaqqis ghal "lump sum payment" u dan minhabba t-tul tal-proceduri."*

40. L-inċident seħħ fis-26 ta' Ottubru 1999. Ir-rapport mediku ppreżentat mill-attriċi flimkien mar-rikors promutur, fejn ġie stabbilit li għandha debilita` permanenti ta' 8%, għandu d-data tad-9 ta' Frar 2000 u sar minn *Plastic and Reconstructive Surgeon*. Fih jingħad li '*all scars described above are red and immature'*. In atti jinsabu żewġ rapporti mediċi oħra. A fol. 171-172 hemm ir-rapport mediku *ex parte* datat 2 ta' Marzu 2002 fejn jingħad li l-attriċi sofriet minn diżabilita` permanenti f'perċentwal ta' 3%. Permezz ta' nota li tinsab a fol. 108, il-konvenut Agius ukoll ippreżenta rapport mediku ta' *Consultant Surgeon* fit-22 ta' Marzu 2006. Fih issir referenza għall-ewwel rapport esebit mill-attriċi u jingħad li:

> '*the first four scars ... have matured and faded considerably after a period of six years ... On the other hand, the scar on the left zygoma ... constitutes a significant cosmetic deformity (sfreġju) which is permanent and amounts to a disability of 3%. The residual scarring resulting from lacerations 1-4 is minimal but permanent and amounts to a disability of 1%. The permanent total disability is therefore 4%.*
>
> *"The scar on the zgoma (5) may be improved by the surgical revision and the estimated cost of the procedure would be LM400. However Ms Pace did not intimate she would like to have further surgery at this stage.'*

41. Ma jirriżultax li f'dan il-każ inħatar espert mediku sabiex jirrelata dwar id-debilita` permanenti li għandha l-attriċi.

42. Wara li l-Qorti rat ir-rapporti varji, temmen li rata ta' debilita` ta' 5% hi ekwa u ġusta. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha tistrieħ fuq il-

parir mediku ta' konsulent fl-ortopedija li qal li l-attriċi għandha debilita` ta' 3%, meta tikkonsidra li l-ġrieħi prinċipali ma jidhirx li għandhom x'jaqsmu mal-qasam tal-ortopedija.

**Il-Multiplier.**

43. Min-naħa tiegħu l-Fond ilmenta mill-*multiplier* ta' 40 sena.

44. F'senteza reċenti ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Bonanno Joseph v. Malta Freeport Terminals Limited***[24] intqal:-

> *'Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tikkumenta fir-rigward tal-multiplier f'diversi okkazjonijiet ohra, ghalkemm ghandu jittiehed qies tal-eta` tad-danneggjat fil-mument li sehh l-incident, normalment f'kazijiet bhal dawn m'ghandux isir semplici tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar, u l-eta` tal-persuna fil-mument ta' l-incident,* ***izda l-multiplier irid jinkorpora go fih dak l-element ta' chances and changes of life or vicissitudes of life****. Il-kuncett ta' chances and changes of life, gie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-principju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista' tghix sa eta` avvanzata, il-hajja tghallimna mod iehor. Isegwi li l-working life expectancy m'ghandux ikun ikkonsidrat kollu ghal fissazzjoni tal-multiplier. (Ara f'dan is-sens issentenza ta' din il-Qorti, fil-kawza* ***Francis Gauci v. Jimmy Bugeja****, deciza fis-27 ta Novembru, 2009.) F'dan is-sens ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti, fl-ismijiet* ***Anthony Turner et v. Francis Agius et*** *deciza fit-28 ta' Novembru 2003, fejn inghad hekk:*
>
> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)*
>
> *"Inghatat ukoll is-segwenti definizzjoni fir-rigward tal-multiplier:*

[24] Deċiża fis-27 ta' Marzu, 2020

> *"A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases." (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122**).*

> *"Il-Qorti ssib li ghandha tfittex li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna fl-istat li kienet qabel lincident. Gie stabbilit ukoll li l-multiplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (ara perezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 1983). Kwindi konsidrat li m'ghandux jittiehed biss il-maximum working life expectancy imma għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll ic-chances and changes of life, tqis opportun li tirrevedi l-multiplier fil-kaz in ezami, ghal dak ta' 19.'*

45. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha, l-ewwel Qorti tgħid li l-attriċi kellha biss għoxrin sena fid-data tal-inċident u tenuta li tibqa' attiva ekonomikament sal-eta` ta' 65. Madankollu l-ewwel Qorti għamlet il-kalkoli fuq *multiplier* ta' 40 sena. Il-Qorti tifhem li t-tnaqqis ta' 5 snin sar proprju sabiex ikopri c-*chances and changes in life.*

46. Wieħed irid jiftakar li f'dan il-każ diġa` għaddew iktar minn għoxrin (20) sena minn meta seħħ l-inċident. Meta tqis dik iċ-ċirkostanza u li sal-lum mhemmx provi li jistgħu b'xi mod jikkonvinċu lil din il-Qorti li multiplier ta' 40 sena hu eċċessiv, din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tvarja l-*multiplier*. Wara kollox iktar ma jgħaddu s-snin iktar tiżdied l-aspettativa li persuna tgħix u li jkollha tibqa' taħdem.

**<u>Minn meta għandu jiddekorri l-Imgħax</u>.**

47. L-appellanti kollha ressqu aggravju dwar l-imgħax li skont is-sentenza tal-ewwel Qorti:-

> *'L-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ukoll ghandhom jithallsu mill-konvenuti u l-kjamata fil-kawza fl-istess kwoti.'*

48. Ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Prim'Istanza akkordat lill-attriċi mgħax mid-data tal-inċident, għaliex hekk talbet l-attriċi.

49. Il-konvenut Carmel Dimech u l-kjamata in kawża Italmal Machinery Ltd isostnu li l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sentenza. Da parti tiegħu, Christopher Agius isostni li l-imgħax għandu jiddekorri mid-data meta s-sentenza ssir *res judicata*. Min-naħa l-oħra l-Fond appellant jisħaq li l-imgħaxijiet għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti.

50. L-attriċi appellata wieġbet li *'huwa minnu li l-ammont ma kienx likwidat, iżda l-punt huwa illi l-imgħax imur lura għall-mument ta' l-interpellazzjoni oriġinali ...'*

51. Issir hawn referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Spiteri Nathaniel et v. Mifsud Emmanuel et*** deċiża minn din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2019:

> *'Ghandu ragun il-konvenut appellant ukoll fir-rigward tat-tielet aggravju, meta jilmenta li ladarba d-debitu tieghu ma kienx likwidat, huwa ma seta' qatt ihallas jew jiddepozita s-somma taht l-awtorità tal-Qorti, peress li f'kawza ghad-danni l-imghax jista' jinghata retroattivament jew fejn l-ammont ikun debitament jirrizulta mill-pretensjonijiet attrici jew fejn ikun wiehed facilment determinabbli ...*
>
> *"Ladarba t-talba tal-azzjoni attrici hija da liquidarsi, hekk ukoll, fejn l-ammont likwidat ma kienx wiehed facilment determinabbli, l-principju adoperat dejjem ghandu jkun dak ta' in illiquidis non fit mora. F'dan irrigward, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet* ***Emanuel Hayman et v. Mary Caruana et.****, peress li l-principji enuncjati fir-rigward, ghandhom japplikaw ukoll fil-kaz odjern:*
>
> > *"F'din il-kawza wiehed jifhem li l-ammont in kwistjoni ma tantx kien determinabbli meta bdew il-proceduri u ghalhekk aktar rilevanti ghall iskop ta' dan il-kaz, hija s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Anthony Turner v. Francis Agius (deciza fit-28 ta' Novembru 2003) fejn il-Qorti ordnat il-hlas tal-imghaxijiet mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak ilmument l-ammont likwidat kien evidenti ghall-konvenut u l-Qorti jidrilha li ghandha ssegwi din il-gurisprudenza (segwita anke f'sentenzi ohra ricenti ta' din il-Qorti ara per ezempju Tania Vassallo v. Anna Rita Camilleri, deciza 30 ta' Jannar 2014) u tordna li l-imghax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-Prim'Awla ghall-istess ragunijiet."*
>
> *"Ghalhekk f'dan il-kaz, ladarba r-responsabbilta` tal-konvenut kienet stabbilita permezz tas-sentenza appellata u ghalkemm din il-Qorti ser tvarja l-ammont ta' danni likwidat, huwa ritenut li l-imghaxijiet f'dan il-kaz ukoll ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti, peress li din il-prassi li jigi applikat id-deprezzament ta' 10% mhux xi wiehed innovattiv, kwindi l-ammont ta' danni setghu bi ftit ghaqal, jigu stabbiliti ...'*

52. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tvarja s-sentenza fis-sens li l-imgħax jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza, ċioe` d-data meta ġie likwidat l-ammont li għandu jitħallas lill-attriċi bħala danni. Il-Qorti lanqas taqbel li l-imgħax għandu jiddekorri mil-lum. Id-danni li għandha titħallas l-attriċi ġew likwidati permezz tas-sentenza tal-ewwel Qorti (5 ta' Mejju, 2015) u għalhekk l-imgħax għandu jiddekorri minn dakinhar.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appelli b'dan il-mod, dwar l-appell ta':-

1. Carmel Dimech u Italmal Machinery Ltd tilqa' biss l-aggravju dwar il-preskrizzjoni estintiva fil-konfront ta' Italmal Machinery Ltd u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Italmal Machinery Ltd u tiddikjara li l-azzjoni hi preskritta fil-konfront tagħha. Spejjeż ta' dik il-kumpanija in kwantu jirreferu għal dik l-eċċezzjoni tal-ewwel istanza huma a karigu tal-attriċi.

2. Fir-rigward tal-kumplament tal-appell ta' Carmel Dimech tilqa' biss dik il-parti tal-appell dwar l-imgħax u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti fis-sens li l-imgħax għandu jiddekorri mill-5 ta' Mejju, 2015. Tiċħad il-kumplament tal-appell. L-attriċi għandha tagħmel tajjeb għal 15% tal-appell ta' Carmel Dimech u Italmal Machinery Ltd filwaqt li l-kumplament hu a karigu ta' Dimech.

3. Tiċħad l-appell tal-konvenut Christopher Agius bl-ispejjeż kontrih.

4. Tilqa' biss l-appell tal-Fond tal-Protezzjoni u Kumpens tal-Motor Insurance Bureau in kwantu jirreferi għall-imgħax, u għalhekk għal kull buon fini terġa' tikkonferma li l-imgħax jiddekorri mill-5 ta' Mejju 2015.

Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu in kwantu għal 10% a karigu tal-attriċi u l-kumplament a karigu tal-Fond.

5. Tiċħad l-appell inċidentali tal-attriċi bl-ispejjeż kontriha.

6. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm